**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 20 – L-ERBGĦA 15 TA' DIĊEMBRU 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal-Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier (skuzat ) |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti nqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – TOROQ

2.1 Is-Sindku Dr Ian Castadli Paris, informa lill-Kunsill dwar l-andament tax-xogħlijiet tal-progett PPP – TOROQ. Huwa qal li wara li tlesta x-xogħol tal-kisi bit-tarmac kien jinħtieġ li jinkixfu l-inspection boxes tas-servizzi fit-toroq. Wara dan ix-xogħol jinħtieġ li jitpoġġew is-sinjali tat-traffiku fi Triq Robert Mifsud Bonnici u fi Vjal Trasfigurazzjoni.

2.2 Il-Perit John Rizzo Naudi, għandu jieħu ħsieb jipprepara l-pjanti meħtieġa biex il-kuntrattur Koptasin jieħu ħsieb ix-xogħol tal-marki tat-traffiku f'dawn it-toroq.

2.3 Il-Kunsill unanimament approva l-ħlasijiet tal-kontijiet tal-Kuntrattur wara li dawn gew verifikati u konfermati mill-Perit John Rizzo Naudi wara li dan għamel aggustamenti meħtieġa fuq il-kont oriġinali kif ippreżenta l-kuntrattur.

2.4 Il-ħlasijiet inħarġu skont l-iskeda tal-PPP – TOROQ.

2.5 Ix-xogħol fi Triq Annibale Preca huwa mahsub li jibda għall-aħħar ta' Jannar 2011. Il-Perit John Rizzo Naudi għandu jieħu ħsieb jipprepara *Traffic Management Plan* għal waqt iż-żmien li jkunu qed isiru x-xogħlijiet għar-raguni li din it-triq hija meqjusa bħala waħda mit-toroq li jkun fiha ħafna traffiku u kull meta tkun magħluqa għal xogħlijiet jinħolqu ħafna problemi tat-traffiku.

2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, kien qed jinsisti biex il-Perit John Rizzo Naudi jfassal il-programm tax-xogħol li għad irid jitwettaq fi Triq Annibale Preca biex ikun assigurat li l-ispiża finali ma tkunx aktar minn dik awtorizzata fil-ftehim PPP – TOROQ. Dan għandu jkun akkumpanjat bid-dettalji tax-xogħol u l-ispejjeż li jinħtieġu f'din it-triq.

## 3. DEVOLUZZJONI TAL-BELVEDERE

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li l-MEPA kienet konfermat l-applikazzjoni tal-Kunsill biex dan ikun awtorizzat jagħmel xogħol ta' restawr fuq it-Torri Belvedere. Id-depożitu li ntalab bħala garanzija bankarja tnaqqas b'mod sostanzjali.

3.2 Il-Kunsill ħa ħsieb biex jinforma lid-Dipartiment tal-Artijiet u dawn għandhom jibdew jippreparaw id-dokumenti meħtieġa biex id-devoluzzjoni tkun finalizzata.

## 4. BRING IN SITE

4.1 Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsilliera qablu li din il-‘Bring In Site’ ghandha titneħħa u titpoġġa fl-inħawi ta' Ta’ Senna. Dan għandu jsir wara li jkun assigurat li l-problema ma tkunx qed titneħħa minn post u titpoġġa f’post ieħor għad-detriment ta’ residenti oħra.

4.2 Għar-raġuni li meta giet indagata din il-possibilita f'Ta' Senna ġie stabbilit mill-istess kuntrattur li jiġbor l-iskart kif ukoll mir-residenti tal-istess żona, li dawn il-‘bins’ kienu ser joħolqu problema akbar.

4.3 Wara aktar diskussjoni dwar fejn għandhom jitpoġġew dawn il-Bins ġie deciz fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sinjura Magda Magri Naudi li dawn jitpoġġew fi Triq Santa Mansweta kantuniera ma’ Triq Kardinal Ferretti.

4.4 Dawn il-Bins għandom jitpoġġew wara li jkun assigurat li mhux ser tinħoloq problema oħra fiż-żona msemmija.

## 5. CENTRAL MALTA LOCAL PLAN

5.1 Il-Kunsilliera tkellmu dwar t-tibdil propost permezz tal-Perit Paul Gauci fir-rigward tal-Pjan Lokali fiċ-Ċentru ta’ Malta.

5.2 Dawn il-proposti kienu jirrigwardaw, fost affarijiet oħra, l-għoli tal-bini fiż-żoni ta’ żvilupp, landscaping schemes fl-istess żoni ta’ zvilupp kif ukoll modifikazzjoni fis-sistema tat-traffiku fit-torq ta’ madwar il-lokalita biex tittaffa l-problema tat-traffiku fiċ-ċentru ta’ Ħal-Lija.

5.3 Il-Kunsill kien qed jinnota wkoll biex il-pjan dwar l-għargħar tal-ilma fi Triq il-Mosta jkun attwat malajr kemm jista’ jkun biex din il-problema tkun solvuta.

## 6. ATTIVITAJIET TAL-KUNSILL

### a. Tqassim ta’ Rigali – Father Christmas

Il-Kunsill approva biex tinżamm l-attività tat-tqassim tar-rigali lit-tfal fil-lokalità ta’ Ħal-Lija minn persuna li tilbes ta’ ‘Father Christmas’ u ddur mar-raħal permezz ta’ karozzella miġbuda miż-żwiemel.

Il-ġenituri għandhom jiġu infurmati permezz ta' cirkulari biex igibu r-rigali fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex dawn jitqassmu lit-tfal fil-ġurnata stabbilita.

**b. Presepju ħaj**

Il-Kunsill unanimament approva biex flimkien mal-Każin Sant' Andrija jerga' jorganizza l-attività ta' Presepju Ħaj li tinżamm kull sena fl-istess triq.

Il-Kunsill approva wkoll l-ispejjeż tad-dwal u l-ħlas ta' warden waqt din l-attività.

**c. Ħarġa Kulturali**

Il-Kunsill unanimament approva ħarġa kulturali għat-tfal tal-lokalità. Għandhom isiru l-preparamenti meħtieġa biex dawn jittieħdu jaraw film edukattiv bl-iskop li dawn ikollhom il-faċilità li jissoċjalizzaw aktar bejniethom waqt din l-attività.

Is-Sinjura Magda Magri Naudi pproponiet biex fil-bidu tas-sena d-dieħla tinżamm ħarġa kulturali għar-residenti fil-lokalità biex dawn jittieħdu fuq zjara fil-Village Craft Bristow Pottery u artiġjanati oħra. Din il-Proposta ġiet approvata unanimament.

## 7. UPGRADING ĊENTRU RIKREATTIV

7.1 Il-Kunsill unanimament approva wara Proposta mis-Sindku sekondat mis-Sinjorina Lorrain Farrugia biex jitkompla l-upgrading fiċ-Ċentru Rikreattiv.

7.2 Għandhom jitpoġġew flower pots fin-nofs tal-passaġġ fl-entratura skont kwotazzjoni mressqa u approvata quddiem il-Kunsill.

7.3 Il-Kunsill approva biex jinbidlu d-dwal fl-entratura tal-ġnien u jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni tal-bankijiet.

7.4 Is-suġġeriment tas-Sinjura Magda Magri Naudi biex jitressqu l-bankijiet ta' ħdejn il-funtana fl-istess ġnien ma kienx approvat.

## 8. TRANSPORT MALTA

8.1 L-ittra tal-Awtorita dwar traffiku fi Triq Ramiro Barbaro ġiet diskussa mill-Kunsilliera.

8.2. Il-Kunsill unanimament qabel li d-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Ramiro Barbaro għandha tibqa' kif hija fil-preżent għar-raġuni li t-tibdil propost kien ser ifisser problema oħra għar-residenti tal-istess żona.

## 9. LAQGĦA

9.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgħa 19 ta' Jannar 2011 fil-5.00p.m..

Dr. Ian Castaldi Paris
Sindku

Sur Alfred Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv